MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 61/1998/1

**Paul u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2011 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Marianne xebba, Mary Jane mart Carmel Bigeni, Emanuel, John, Carmela mart Carmel Bajada, Rita mart l-avukat Dr Carmelo Galea, Saviour, Maria Dolores mart Robert Scerri ahwa Spiteri, l-imsemmija Marianne Spiteri tidher tant f'isimha proprju kif ukoll f'isem hutha germani imsefrin Lucian u Giuseppa armla Grima stante l-mewt ta' Paul Spiteri fil-mori tal-kawza; Giuseppa armla ta' Giovanni Cauchi u b'digriet tas-27 ta' Lulju 2004, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Louis Cauchi u Carmel Cauchi f'ismu personali u in rapprezentanza ta' l-assenti hutu Mario Cauchi, Joseph Cauchi u Jane Cauchi mizzewga Vella stante l-mewt ta' Giuseppa Cauchi fil-mori tal-kawza; Salvina armla ta' Luigi Xuereb u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2010 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maryanne Camilleri, Emanuele sive Lily Borg, Rita Zahra, Joe Xuereb ilkoll ahwa Xuereb, l-istess Emanuela tant f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja ta' huha imsiefer Francis Xuereb u ta'**

**Kurt Buttigieg ipprezentat minn Dr Carmelo Galea stante l-mewt ta' Salvina Xuereb fil-mori tal-kawza; ahwa Spiteri; l-Avukat Dottor Carmelo Galea bhala mandatarju tal-imsiefra Carmen mart Belinn Debrincat; Carmel Farrugia f'ismu u bhala mandatarju ta' ohtu germana imsiefra Miriam mart Carmel Saliba; Mary Jane Farrugia bhala mandatarja ta' binha imsiefer Charles Farrugia; Anthony u Jeffrey ahwa Farrugia; Mario, Angelo, Giovann, Maria mart Carmel Cini, u Ruth xebba ahwa Spiteri; u Giuseppa armla ta' Joseph Spiteri f'isem bintha imsiefra Marlene mart Joseph Grech; Michael Spiteri; Salvina mart Carmelo Xuereb, f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' hutha imsefrin Concetta mart Carmelo Vella, Carmela mart Ganni Cassar, Lorenzo, u Giuseppa mart Nicholas Xerri ilkoll ahwa Xuereb kif ukoll ghan-nom tan-neputijiet taghha Antonia Mifsud, Samuel John, Joseph Vella, Mary Xerri, Joseph John Vella u Helen Zammit**

**Vs**

**Maria mart Joseph Saliba u b'digriet tal-11 t'April 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Nazzarena Saliba f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u f'isem l-imsefrin Mary Carmen mart George Attard u MaryJane mart Joseph Gauci kif debitament awtorizzata permezz tal-prokuri taghhom, Mario Saliba, Paul Saliba, Emanuel Saliba u Michael Saliba stante l-mewt ta' Maria Saliba fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti,

Illi permezz tar-rikors guramentat l-atturi ppremettew:-

Peress illi Salvatore Spiteri, gia iben Paul u Giovanna nee' Azzopardi, miet fix-Xewkija, Ghawdex fit-tmienja (8) ta' April elf disa' mija wiehed u sebghin (1971);

U peress illi l-imsemmi Salvatore Spiteri kien mizzewweg darbtejn, l-ewwel darba lil Marianna Saliba u minnha kellu sebat itfal, u cjoe' lil Giovanna Farrugia, Paul, Maria Saliba, Giuseppa Cauchi, Salvina Xuereb, Joseph u Carmela Debrincat; u t-tieni darba lil Vincenza Magro, illi minnha kellu tifel wiehed, cjoe' lil Michael Spiteri;

U peress illi l-imsemmi Salvatore Spiteri rregola s-successjoni tieghu b'testment fl-atti tan-Nutar John Busuttil tat-tmienja (8) ta' Ottubru elf disa' mija sitta u hamsin (1956), fejn wara li halla xi legati akkont ta' sehemhom lil ibnu Michael Spiteri u lil martu Vincenza Spiteri, innomina bhala eredi universali tieghu fi kwoti ndaqs bejniethom lil martu Vincenza Spiteri u lit-tmien uliedu fuq imsemmija;

U peress illi l-imsemmija Giovanna Farrugia kienet mietet fid-disgha (9) ta' Jannar elf disa' mija erbgha u disghin (1994) u lil din wirtuha t-tliet uliedha Giovann, Mary Anne mart Carmel Saliba, u Carmel ahwa Farrugia; mentri l-imsemmi Giovann Farrugia kien miet fis-sebgha (7) ta' April elf disa' mija hamsa u disghin (1995) u lil dan wirtuh it-tliet uliedu Carmel sive Charlie; Anthony u Jeffrey ahwa Farrugia.

U peress illi Giusepp Spiteri miet fid-dsatax (19) ta' Jannar elf disa' mija hamsa u disghin (1995), u lil dan wirtuh is-sitt uliedu cjoe' Mario, Angelo, Maria Carmela sive Marlene mart Joseph Grech, Giovanni, Maria mart Carmel Cini, u Ruth ilkoll ahwa Spiteri;

U peress illi Vincenza Spiteri kienet mietet fl-ewwel ta' April elf disa' mija disgha u sebghin (1979) u lil din wirtuha uliedha kollha u cjoe' Salvina mart Carmelo Xuereb, Concetta mart Carmelo Vella, Carmela mart Ganni Cassar,

Lorenzo, Consiglia Vella u Giuseppa mart Nicholas Xerri ilkoll ahwa Xuereb uliedha mill-ewwel zwieg taghha; u Michael Spiteri binha mit-tieni zwieg;

U peress illi l-imsemmija Consiglia Vella mietet fid-disgha (9) ta' Settembru elf disa' mija sebgha u disghin (1997) fl-Awstralja u rregolat is-successjoni taghha b'testment maghmul fl-Awstralja fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru elf disa' mija sebgha u tmenin (1987) fejn innominat eredi taghha lil uliedha kollha Antonia Mifsud, Samuel John Joseph Vella, Mary Xerri, Joseph John Vella, u Helen Zammit fi kwoti ugwali bejniethom;

U peress illi l-atturi flimkien mal-konvenuta huma ghalhekk komproprjetarji ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Salvu Spiteri u huma jridu illi dawn l-assi jigu divizi bejniethom mentri l-konvenuta qeghdha ostinament tirrifjuta illi tersaq ghal tali divizjoni;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. tillikwida l-beni gja formanti l-assi ereditarji tal-mejjet Salvu Spiteri billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. tiddividi dawn l-assi ereditarji f'disa' porzjonijiet u partijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lil martu Vincenza Spiteri u lit-tmien uliedu Giovanna Farrugia, Paul, Maria Saliba, Giuseppa Cauchi, Salvina Xuereb, Joseph u Carmela Debrincat; u Michael Spiteri, jew l-ulied u l-eredi taghhom skond il-kaz;

3. tahtar Nutar pubbliku u tiffissa il-jum hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' divizjoni, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

4. fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhumiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq imghad;

Bl-ispejjez.

Rat li l-konvenuta fir-risposta guramentata taghha eccepiet hekk:-

1. Illi hija ma toggezzjonax ghall-eventwali divizjoni ta' l-assi ereditraji tal-mejjet Salvatore Spiteri, imsemmija mill-atturi li maghhom hija komproprjetarja, u dana salv il-verifika tal-konsistenza ta' l-assi u l-verifika tal-kwoti.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-diversi rapporti teknici li gew prezentati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Kunsiderazzjonijiet

F'din il-kawza qieghed jintalab il-qsim tal-wirt ta' **Salvatore Spiteri** li miet fit-8 ta' April 1971. Huwa zzewweg darbtejn:-

a) Lil **Marianna xebba Saliba** u kellhom sebat itfal: Giovanna Farrugia, Paul, Maria Saliba, Giuseppa Cauchi, Salvina Xuereb, Joseph u Carmela Debrincat. Minn dawn it-tfal mietu:

(i) **Giovanna Farrugia** li mietet fid-9 ta' Jannar 1994 u l-werrieta taghha huma Giovann Farrugia (miet fis-7 ta' April 1995 u wirtuh Carmel, Anthony u Jeffrey ahwa Farrugia), Maryanne Saliba u Carmel Farrugia;

(ii) **Joseph Spiteri** li miet fid-19 ta' Jannar 1995 u l-werrieta tieghu huma Mario, Angelo, Maria Carmela sive Marlene mart Joseph Grech, Giovanni, Maria mart Carmel Cini, u Ruth Spiteri;

(iii) **Giuseppa Cauchi** li mietet fil-mori tal-kawza fit-13 ta' Settembru 2000 u l-werrieta taghha huma l-hames uliedha Joseph, Mario, Jane Vella, Louis u Carmel Cauchi;

(iv) **Maria Saliba** li mietet fil-mori tal-kawza fid-29 ta' Dicembru 2007. Il-werrieta taghha huma s-sebat itfal taghha Nazzarena Saliba, Mary Carmen Attard, Mary Jane Gauci, Mario, Paul, Emanuel u Michael;

(v) **Salvina Xuereb** li mietet fil-mori tal-kawza fit-8 ta' Marzu 2010 u wirtuha l-hames uliedha sopravissuti u t-tifel uniku ta' bintha predefunta Maryanne Camilleri, Emanuele sive Lily Borg, Rita Zahra, Joe Xuereb, Francis Xuereb u Kurt Buttigieg

(vi) **Paul Saliba** li miet fil-mori tal-kawza fit-22 ta' April 2011 u wirtuh l-ghaxar uliedu Marianne xebba, Mary Jane mart Carmel Bigeni, Emanuel, John, Carmela mart Carmel Bajada, Rita mart l-avukat Dr Carmelo Galea, Saviour, Maria Dolores mart Robert Scerri, Lucian u Giuseppa armla Grima

b) Lil **Vincenza xebba Magro** – Huma zzewgu f'Gunju 1947. Hija mietet fl-1 ta' April 1979) u kellhom tifel wiehed Michael Spiteri. Vincenza Magro kienet izzewget lil Anthony Xuereb minn liema zwieg kellha sitt itfal: Salvina Xuereb, Concetta Vella, Carmela Cassar, Lorenzo, Giusepp Xerri u Consiglia Vella (li mietet fid-9 ta' Settembru 1997 u wirtuha Antonia Mifsud, samuel John Joseph Vella, Mary Xerri, Joseph John Vella, u Helen Zammit fi kwoti ugwali).

Salvatore Spiteri kien irregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor John Busuttil tat-8 ta' Ottubru 1956. permezz ta' dan it-testment huwa rrevoka kwalunkwe testment precedenti. Fit-tieni artikolu halla lil ibnu Michelino Spiteri *"in-naha tal-punent tal-lok ta' djar numru sittax, tmintax, ghoxrin u tnejn u ghoxrin (16,18,20 u 22) Triq San Bartilmew, Xewkija Ghawdex, liema parti ghandha tigi segregata u ghandha tikkomprendi dawn il-kumdiatjiet: - l-entrata li ggib in-numru 22, Triq San Bartilmew, Xewkija, Ghawdex, remissa, adjacenti ghall-istess entrata bil-bieb ghal Triq San Bartilmew numru 22. Laterali ghall-istess entrata tieqa li taghti ghall-istess Triq San Bartilmew, tarag, bitha,ghorfa u maqjel li huma retrostanti ….nofs mandra ta' circa siegh u nofs, li hija sovraposta ghal lok ta' djar numru 16, 18, 20 u 22, Triq San Bartilmew, Xewkija, Ghawdex liema nofs ghandu jigi segregat min-naha tal-punent ta' l-istess mandra b'mod li dan in-nofs ikun jikkonfina mill-punent ma' beni ta' Teodora Bigeni, nofsinhar ma' beni ta' l-istess testator, tramuntana mal-kumditajiet fuq deskritti u lvant mal-porzjoni l-ohra ta' l-istess mandra, akkont ta' sehmu minn l-istess wirt ta' missieru"*

F'artikolu iehor Salvatore Spiteri halla lit-tieni mara tieghu akkont ta' sehmha bhala werrieta il-fond b'mandra mieghu fi Triq San Publiju, Xewkija, Ghawdex liema fond jikkonfina nofsinhar ma' beni ta' l-istess testatur, u tramuntana ma' beni ta' Giovanna Farrugia. Madankollu jirrizulta mill-atti[1] li Salvatore Spiteri biegh dan l-immobbli matul hajtu u ghalhekk m'ghandux jittiehed in kunsiderazzjoni bhala parti mill-massa ereditarja.

Ghal dak li jirrigwarda l-legat imholli a favur ta' Michelino Spiteri, dan ghandu jigi valutat ghalih u l-valur tieghu ghandu jitnaqqas minn sehmu li huwa nominat werriet. Mir-rapport tal-Periti[2] din il-proprjeta giet stmata bil-pussess vakant fil-valur ta' Lm52,000 ekwivalenti ghal **€121, 127. 417.**

Illi l-eredita' trid ghalhekk tinqasam f'disa' porzjonijiet ghaliex flimkien mat-tmint itfal ta' Salvatore Spiteri, anki Vincenza Spiteri (it-tieni mara tieghu) thalliet bhala eredi.

Illi jrid ukoll jigi rilevat f'dan l-istadju li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tal-20 ta' Settembru 1952 Paolo, Giuseppe, Carmela, Ganna Farrugia, Giuseppa Cauchi, Salvina Xuereb u Maria Saliba cedew lil Salvu

[1] Dok AB 1
[2] A fol 94 tal-process

Spiteri d-drittijiet taghhom fuq il-wirt ta′ ommhom Marianna li mietet fit-30 ta′ Jannar 1947.

**Assi ta′ Salvatore Spiteri**

Illi jehtieg ghalhekk li jigu ndividwati liema huma l-proprjetajiet in divizjoni.

Qabel xejn, irid jinghad li fir-rapport tieghu l-Perit Emanuel Vella[3] irrelata li l-proprjetajiet kollha in divizjoni mhumiex komodament divizibbli. Ma ntalbux periti perizjuri madankollu whud mill-partijiet huma tal-fehma li whud mill-immobbli fil-fatt jistghu facilment jigu divizi minghajr hafna diskapitu. Infatti jirrizulta mill-atti li hemm qbil bejn il-partijiet kollha liema huma l-immobbli li huma komodament divizibbli.

Oltre′ dan, l-eredi ta′ Vincenza Spiteri proprju peress li din Vincenza kellha nofs indiviz ta′ whud mill-immobbli li huma ghad-divizjoni u peress ukoll li din Vincenza giet nominata eredi flimkien ma′ wlied Salvatore talbu li fil-kazijiet ta′ immobbli li hija kellha nofs indiviz ghandu jkun hemm l-applikazzjoni ta′ l-artikoli 502 u 503 tal-Kodici Civili a favur taghhom. Originarjament kienu ssottmettew tali talba ghal dak li jirrigwarda l-proprjetajiet kollha li Vincenza kellha dan is-sehem izda imbaghad fis-seduta tal-25 ta′ Novembru 2011 gie dikjarat mill-Avukat Ii jippatrocinahom, Dr Mario Scerri, li d-disposizzjonijiet ta′ l-artikoli 502 u 503 tal-Kap 16 ghandhom japplikaw biss rigwardanti l-fondi rurali li huma komodament divizibbli.

Illi l-konvenuti mill-ewwel ddikjaraw fin-nota taghhom[4] li ma jopponux li sehem Vincenza Spiteri ghandu jigi diviz mis-sehem ta′ zewgha u jittiehed mill-eredi taghha in natura f′dawk il-kazijiet ta′ l-immobbli li huma komodament divizibbli.

L-atturi li huma patrocinati minn Dr Carmelo Galea fin-nota taghhom[5] iddikjaraw li jaqblu li s-sehem ta′ Vincenza Spiteri in linja ta′ sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn Salvatore Spiteri jigi divizi mis-sehem ta′ zewgha; u li safejn dawn il-beni huma komodament divizibbli dan is-sehem jittiehed mill-eredi taghha in natura. Ma′ jaqblux pero′ li s-sehem spettanti lil Vincenza Spiteri qua eredi ta′ zewgha – cjoe′ in-nona parti indiviza mill-assi ereditarji ta′ Salvu Spiteri jigu segregati mill-kumplament

[3] A fol 297 tal-process
[4] A fol 653 tal-process
[5] A fol 655 tal-process

tal-assi ereditarji ta' Salvu Spiteri ghaliex isostnu li dak ipprovdut fl-artikoli 502 u 503 tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz odjern.

L-atturi rapprezentanti minn Dr Anna Mallia[6] iddikjaraw li huma jaqblu li s-sehem ta' Vincenza Spiteri jigi diviz mis-sehem ta' zewgha pero' ma jaqblux li fejn dan is-sehem mhux komodament divizibbli bejn il-werrieta kollha anke dawk ta' Salvatore Spiteri li s-sehem tal-werrieta ta' din it-tieni mara jmur in-natura.

Illi l-artikoli 502 u 503 jipprovdu s-segwenti:

**502.** *"Kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem*

*tieghu tal-beni in natura".*

**503.** *"Il-komproprjetarju li jkollu beni immobbli minnhom infishom vicini ghal xi whud mill-immobbli in komun li jkunu sejrin jinqasmu, jista' jitlob li dawk il-beni immobbli jigu assenjati lilu bi stima, izda dan kemm-il darba jkun hemm immobbli ohra in komun li minnhom jista' jigi assenjat lil kull wiehed mill-komproprjetarji l-ohra sehem bejn wiehed u iehor ugwali".*

Ghalhekk il-Qorti se tipprovdi dwar kull immobbli b'mod separat. L-assi li huma ghad-divizjoni huma s-segwentI:

(i) **Tliet-kwarti (3/4) indivizi mir-raba' msejha 'Ic-Cens ta' San Gwann' , Xewkija**

Dan ittiehed in enfitewsa perpetwa minn Salvatore Spiteri b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tad-19 ta' Ottubru 1934[7].

Fiha kejl ta' circa 1335mk. Tmiss mill-punent ma' beni ta' Salvu Ciantar, tramuntana ma' beni ta' Maria Assunta mart Pawlu Saliba u nofsinhar in parti ma' beni ta' Karmnu Buttigieg u Manwel Buttigieg u in parti ma' beni ta' Manwel Cassar suggetta ghal-lira cens annwu u perpetwu – Dok EV2[8].

---

[6] A fol 658 tal-process
[7] Nota 411/1934
[8] A fol 116 tal-process

Din il-porzjon raba' kien gie akkwistat b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tad-19 ta' Ottubru 1934[9] u dak iz-zmien Salvu kien mizzewweg lill-ewwel mara. Bil-kuntratt ta' cessjoni tad-drittijiet ereditarji tal-1952 Vincenza Spiteri akkwistat ¼ indiviz tal-proprjeta'.

Billi Vincenza Spiteri hija wkoll wahda mill-eredi jirrizulta li apparti l-1/4 indiviz li jappartjeni lill-assi ereditarji taghha, l-eredi taghha ghandhom ukoll dritt ghal 1/9 minn ¾ indivizi u kwindi l-eredi ta' Vincenza Spiteri b'kollox ghandhom dritt ghal 1/3 indiviz minn din l-art kollha izda ghar-ragunijiet indikati fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' Dr Galea l-artikolu 503 ma japplikax ghall-kaz inkwistjoni.

Fir-rapport tal-Periti Teknici[10] din il-proprjeta' giet stmata fil-valur ta' €116,468.67[11]. Ghalhekk il-valur ta' ¾ sehem indiviz huwa **€87,351.50.**

Il-partijiet kollha fil-kawza jaqblu li din il-porzjon raba' hija komodament divizibbli u li sehem Vincenza Spiteri ghandu jigi diviz mis-sehem ta' zewgha.

Ghalhekk din il-porzjon ghandha tigi diviza l-ewwel fi tnejn fejn l-ewwel porzjon tkun tikkonsisti f'sehem Vincenza Spiteri. Dan ghandu jigi assenjat lill-eredi ta' Vincenza Spiteri. Il-kumplament ghandu jigi diviz fi tmien porzjonijiet ugwali li ghandhom jittellghu bix-xorti[12].

(ii) **Nofs Indiviz (1/2) tar-Raba' 'Ta' Fonzu'** – ta' circa 4496mk – EV 3[13]

B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tat-28 ta' Awwissu 1947, Salvatore Spiteri akkwista in enfitewsi perpetwa versu c-cens ta' Lm100 fis-sena 24 tomna art 'ta' Fonsu' fix-Xewkija, Ghawdex tmiss punent ma' Triq Tramunatana ma' Triq. Dan l-akkwist sehh matul it-tieni zwieg tieghu ma' Vincenza Xuereb u ghalhekk din ir-raba' jispetta kwantu ghal ½ indiviz lill-assi ta' Salvatore Spiteri u n-nofs indiviz l-iehor lill-assi ta' Vincenza Spiteri.

Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tat-3 ta' Mejju 1949[14] gew inseriti dawn il-kondizzjonijiet:

---

[9] Note 411/1934
[10] A fol 108 tal-process
[11] Ekwivalenti ghal Lm50,000

[12] Eskluzi l-eredi ta' Vincenza Spiteri u Michelino Spiteri
[13] A fol 117 tal-process

a. Ir-rata ta' fidwa ta' cens giet stabbilita fl-ammont ta' Lm100 ghal kull Lm1 cens;

b. 'That the lessee Salvatore Spiteri shall be bound to assign and build and construct at his own expense to the Dominican Nuns residing near the Church tal-Hniena erected at Xewkija Gozo a building site which shall be adapted for the erection of a school in such plot of ground under the submission and approbation of Gozo Bishop and such construction and building must be accomplished within the period of three years to be reckoned from the date hereof.

Jirrizulta wkoll li minn din l-art Salvatore Spiteri kien ikkonceda diversi appezzamenti in subenfitewsi. Ic-cnus kollha jirrizultaw li nfdew b'diversi cedoli prezentati fil-Qorti kontra l-eredi.

Fid-denunzja ta' Salvatore Spiteri din ir-raba' giet indikata bhala li fiha kejl ta' cirka erbat itmiem. **Salvatore kellu ½ indiviz.**

Fir-rapport tal-Periti Teknici[15] dan in-nofs indiviz ta' din il-proprjeta' gie stmat fil-valur ta' €302, 818.54[16].

Il-partijiet kollha jaqblu li din l-art hija komodament divizibbli[17]. Oltre' dan jaqblu ghalhekk ukoll li sehem Vincenza Spiteri w allura l-eredi taghha ghandu jigi segregat mill-immobbli.

Din il-porzjon ghandha tigi diviza l-ewwel fi tnejn fejn l-ewwel porzjon tkun tikkonsisti fin-nofs indiviz ta' Vincenza Spiteri. Dan l-ewwel porzjon ghandu jigi assenjat lill-eredi ta' Vincenza Spiteri. Il-kumplament ghandu jigi diviz mill-Perit nominat mill-Qorti fi tmien porzjonijiet ugwali li ghandhom jittellghu bix-xorti.

(iii) **Raba' Ta' Triq l-Imgarr L/O Ghajnsielem**

---

[14] Nota 234/1949
[15] A fol 109 tal-process
[16] Ekwivalenti ghal Lm130,000
[17] Ara nota ta' Salvina Xuereb et a fol 651 tal-process; nota tal-konvenuti a fol 653 tal-process; nota tal-atturi l-eredi ta' Paul Spiteri, u l-eredi ta' Giovanna Farrugia u dawk patrocinati minn Dr Galea a fol 655 tal-process; verbal ghan-nom ta' l-eredi ta' Giuseppa Cauchi a fol 658 tal-process

i. Bicca raba′ tal-kejl ta′ cirka 236m.k. konfinanti minn nofsinhar ma′ Triq Imgarr, lvant u tramuntana mal-Gozo Heritage – Dok EV5[18].

Din il-porzjon kienet giet assenjata lil Salvu Spiteri b′kuntratt ta′ divizjoni li gie ppubblikat fis-27 ta′ Awwissu 1970 fl-atti tan-Nutar Antonio Galea[19]. Din l-art kienet tifforma parti minn porzjon art akbar li l-mejjet kien akkwista nofs indiviz taghha b′xiri mill-poter ta′ Carmelo Sammut b′kuntratt tal-31 ta′ Ottubru 1941. Dan l-akkwist sar matul iz-zwieg mal-ewwel mara. Bil-kuntratt ta′ cessjoni tad-drittijiet ereditarji tal-1952 li diga′ ssemma, it-tfal ta′ Salvu Spiteri kienu cedew u assenjaw lil missierhom il-¼ indiviz minn din l-art. Dak iz-zmien Salvu Spiteri kien diga′ mizzewweg lit-tieni mara tieghu Vincenza. Ghalhekk jirrizulta li Salvu Spiteri kellu 3/8 indivizi mill-art kollha filwaqt li t-tieni mara tieghu kellha 1/8 indivizi.

Meta saret id-divizjoni tal-art fl-1970, bejn Salvu Spiteri Gianni Xerri lil Salvu kienet giet assenjata lilu porzjoni diviza minn din l-art ta′ circa sighajn[20] (ossija circa 374m.k). Madankollu fil-pjanta mhejjija mill-Perit Tekniku, Dok EV5, din l-art giet indikata li fiha circa 236m.k.. Il-Periti Teknici[21] stmawha fil-valur ta′ €14,675[22].

Kwindi din l-art triq tinqasam inkwantu ghal ¾ minnha bejn l-eredi ta′ Salvu Spiteri filwaqt li l-eredi ta′ Vincenza Spiteri ghandhom ¼ indiviz bejniethom li mhix tintalab id-divizjoni tieghu. Il-partijiet kollha jaqblu li din l-art hija komodament divizibbli[23]. Oltre′ dan jaqblu wkoll li sehem Vincenza Spiteri w allura l-eredi taghha ghandu jigi segregat mill-immobbli.

Ghalhekk apparti l-¼ indiviz, l-eredi ta′ Vincenza Spiteri jispettahom ukoll is-sehem ta′ 1/12 li l-istess Vincenza wirtet minghand zewgha biex b′hekk jigi li sehemhom mill-art kollha huwa ta′ 1/3 indiviz  izda ghar-ragunijiet indikati fin-nota ta′ sottomissjonijiet ta′ Dr Galea l-artikolu 503 ma japplikax ghall-kaz inkwistjoni.

[18] A fol 119 tal-process
[19] Nota 544/1970
[20] A fol 596 tal-process
[21] A fol 109 tal-process
[22] Ekwivalenti ghal Lm6,300
[23] Ara nota ta’ Salvina Xuereb et a fol 651 tal-process; nota tal-konvenuti a fol 653 tal-process; nota tal-atturi l-eredi ta’ Paul Spiteri, u l-eredi ta’ Giovanna Farrugia u dawk patrocinati minn Dr Galea a fol 655 tal-process; verbal ghan-nom ta’ l-eredi ta’ Giuseppa Cauchi a fol 658 tal-process

Billi l-partijiet jaqblu li l-art hija komodament divizibbli l-ewwel ghandu jinqata' s-sehem tal-mejta Vincenza Spiteri u tigi assenjata lilhom u l-bqija l-Perit Tekniku ghandu jaqsmu fi tmien porzjonijiet ugwali li imbaghad ghandhom jittellghu bix-xorti.

(iii) **Nofs Indiviz mill-art maghrufa' 'Il-Misrah tal-Imbert' sive 'Ta' Lambert', Ghajnsielem**

Fiha kejl ta' cirka 1830m.k. Hija konfinanti mit-tramuntana ma' Triq tal-Kanal,minn nofsinhar ma' Triq ta' Brieghen u punent ma' beni ta' l-eredi ta' Gio Maria Attard soggetta ghal tliet xelini u disa' soldi (3s9d) cens annwu u perpetwu – Dok EV6[24].

Din l-art inxtrat matul it-tieni zwieg tieghu u ghalhekk Salvu Spiteri kellu n-nofs indiviz. In-nofs indiviz l-iehor jappartjeni lill-assi ereditarji ta' Vincenza Spiteri.

Il-Periti Teknici[25] stmawha fil-valur ta' €5688.33[26]. Nofs indiviz huwa stmat ghalhekk **€2844.17**.

Il-partijiet kollha jaqblu li dan ir-raba' huwa komodament divizibbli.

L-eredi ta' Vincenza Spiteri b'applikazzjoni ta' l-artikoli 502 u 503 qeghdin jipproponu li dan ir-raba' ghandu jigi diviz f'zewg porzjonijiet u jigi assenjat per assenjazzjoni. Porzjon minnhom ta' 1016.67m.k tigi assenjata lill-eredi ta' Vincenza Spiteri, porzjon ohra diviza ta' 813.33m.k. tigi assenjata lill-eredi ta' Salvu Spiteri eskluza Vincenza Spiteri (li sehemha l-eredi jkunu haduh in natura) u jigi ordnat il-bejgh taghha in licitazzjoni.

Billi pero' l-partijiet l-ohra kollha jaqblu li s-sehem ta' Salvu Spiteri huwa komodament divizibbli ma tqisx li dan is-sehem ghandu jinbiegh b'licitazzjoni.

Billi l-partijiet jaqblu li l-art hija komodament divizibbli l-ewwel ghandu jinqata' s-sehem tal-mejta Vincenza Spiteri u tigi assenjata lilhom u l-bqija l-

[24] A fol 120 tal-process
[25] A fol 109 tal-process
[26] Ekwivalenti ghal Lm2,442

Perit Tekniku ghandu jaqsmu fi tmien porzjonijiet ugwali li imbaghad ghandhom jitilghu bix-xorti.

(iv) **<u>Nofs Indiviz (1/2) tar-Raba' 'Tal-Bur' sive 'Tat-Tghammar', Ghajnsielem</u>**– kejl – EV7

Fiha kejl ta' cirka 1400m.k., konfinanti minn nofsinhar ma' beni ta' Toni Azzopardi, punent ma' triq tar-raba' msejha Triq tal-Bur u mit-tramuntana ma' beni ta' Luigi Cauchi – Dok EV7[27].

Il-Periti Teknici[28] stmawha fil-valur ta' €4351.27[29]. Kwindi sehem Salvu Spiteri jammonta ghal **€2,175.64.**

Dan ir-raba' gie akkwistat minn Salvu Spiteri matul it-tieni zwieg tieghu ma' Vincenza. Minn ½ indiviz ta' Salvu martu Vincenza wirtet ukoll sehem ta' 1/18 flimkien mat-tfal ta' Salvu mill-ewwel u mit-tieni zwieg.

Il-partijiet kollha jaqblu li dan ir-raba' huwa komodament divizibbli. Ghalhekk dan ir-raba' ghandu jigi diviz mill-Perit Tekniku billi l-ewwel tigi segregata l-parti li tigi assenjata lill-eredi ta' Vincenza Spiteri (li mhix in divizjoni) u l-kumplament ghandu jaqsamha fi 8 porzjonijiet ugwali li imbaghad ghandu jitilghu bix-xorti.

(v) **<u>Raba' 'tal-Wileg'</u>** – kejl – EV10 a fol 301

Il-porzjon art maghrufa bhala 'Tal-Wileg' fi Triq l-Imgarr, Xewkija tal-kejl ta' madwar **749m.k.**[30] B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tal-31 ta' Ottubru 1941[31] Spiteri akkwista nofs indiviz minn bicca raba' 'Ta' Santa Cecilia' circa tlett sieghajn u bicca ohra 'Tal-Wileg' fix-Xewkija konsistenti f'zewg bicciet wahda ta' circa siegh u nofs, u l-ohra ta' cirka nofs siegh.

Din l-art hija konfinanti ma' l-art murija f'Dok EV5 u giet stmata mill-Perit Tekniku fis-somma ta' €300,000.

Dan ir-raba' ghalhekk gie akkwistat matul iz-zwieg mal-ewwel mara tieghu. Bil-kuntratt ta' cessjoni tad-drittijiet ereditarji tal-1952, it-tieni mara ta' Salvu,

[27] A fol 121 tal-process
[28] A fol 110 tal-process
[29] Ekwivalenti ghal Lm1,868

[30] Dok EV 10 a fol 301 tal-process
[31] Nota 433/1941

Vincenza akkwistat ¼ indiviz tal-proprjeta' li kellha l-ewwel mara ta' Salvu Spiteri u wirtet sehem iehor ta' 1/9 indiviz mis-sehem ta' ¾ indivizi li kellu Salvu Spiteri.

Il-partijiet kollha jaqblu li dan ir-raba' huwa komodament divizibbli. Ghalhekk dan ir-raba' ghandu jigi diviz mill-Perit Tekniku billi l-ewwel tigi segregata l-parti li trid tigi assenjata lill-eredi ta' Vincenza Spiteri (liema eredita' mhix in divizjoni) u l-kumplament ghandu jaqsamha fi 8 porzjonijiet ugwali li imbaghad ghandhom jitilghu bix-xorti.

(vi) **<u>Fondi numri 46 (gja 66) u 48 (gja 65) fi Triq Giovanni Barbara, Hamrun</u>**

Salvatore Spiteri akkwista l-utili dominju perpetwu permezz ta' kuntratt tal-15 ta' Novembru 1943 fl-atti tan-Nutar Edaordo Calleja[32] u imbaghad xtara d-dirett dominju perpetwu b'kuntratt tas-27 ta' April 1949 fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt[33].

Ghalhekk jirrizulta li l-utili dominju perpetwu xtrah matul l-ewwel zwieg; mentri d-dirett dominju perpetwu xtrah matul it-tieni zwieg. In vista tac-cessjoni tad-drittijiet ereditarji ta' ommhom li saret mit-tfal ta' l-ewwel zwieg ghaf-favur ta' missierhom, Vincenza Spiteri akkwistat ¼ indiviz mill-utili dominju perpetwu.

Salvatore Spiteri ghalhekk kellu ¾ indivizi mill-utili dominju perpetwu u ½ indiviz tad-dirett dominju perpetwu.

Filwaqt li Vincenza Spiteri kellha ¼ indiviz mill-utili dominju u ½ indiviz tad-dirett dominju perpetwu.

Mal-mewt ta' Salvatore Spiteri, Vincenza Spiteri wirtet 1/12 tal-utili dominju[34] minghandu billi halliha werrieta flimkien mat-tfal tieghu mill-ewwel u t-tieni zwieg. Mid-dirett dominju hija kellha nofs indiviz u wirtet 1/18 indivizi minghand zewgha.

Ghalhekk l-eredi ta' Vincenza Spiteri ghandhom bejniethom 1/3 indiviz mill-utili dominju u 5/9 mid-dirett dominju filwaqt li l-eredi ta' Salvu Spiteri

[32] Nota 3248/1943
[33] Nota 1595/1949
[34] 1/9 x ¾

bejniethom (eskluz is-sehem li wirtet Vincenza Spiteri) huwa ta' 2/3 indivizi mill-utili dominju, u 4/9 mid-dirett dominju.

Il-fond numru 46 huwa mikri lil certu Joseph Grech u hija kirja ta' qabel l-1995. Il-fond gie stmat ghall-valur ta' €55,905[35]

Il-fond numru 48 huwa okkupat minn terzi bla titolu u gie stmat fl-ammont ta' €37,270[36]

Hemm qbil li dawn il-fondi mhumiex komodament divizibbli. In vista tan-nota ta' Salvina Xuereb f'isimha u f'isem hutha tat-12 ta' Frar 2014 dawn il-fondi se jinbieghu fit-totalita' taghhom allavolja parti ndiviza minnhom tappartjeni lill-eredita' ta' ommhom Vincenza Spiteri li ma tiffurmax parti mil-mertu ta' dawn il-proceduri u qeghdin jikkuntentaw li sehemhom mill-wirt ta' Vincenza Spiteri jehduh fi flus mir-rikavat tal-prezz tal-intier.

Ghalhekk dawn il-fondi ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni u r-rikavat ghandu jinqasam skont l-ishma indikati b'dan illi wara li l-eredi ta' Vncenza Spiteri jiehdu sehemhom mir-rikavat, il-kumplament ghandu jinqasam bejn 7 cippijiet.

(vii) **Tlett kwarti indivizi (3/4) tal-fondi Numri 184 u 185 fi Triq San Pawl, il-Belt, Valletta**

Dawn il-fondi gew akkwistati b'kuntratti fl-atti tan-Nutar G. Borg Olivier tat-3 ta' Novembru 1945[37] bhala suggetti ghal cens perpetwu. Dawn ghalhekk inxtraw matul l-ewwel zwieg. Dawn il-fondi kienu originarjament mikrija lil terzi u mill-atti jidher li dawn m'ghadhomx okkupati.

In vista tac-cessjoni tad-drittijiet ereditarji ta' ommhom li saret mit-tfal ta' l-ewwel zwieg ghaf-favur ta' missierhom, Vincenza Spiteri akkwistat ¼ indiviz. Ghalhekk Salvatore Spiteri kien ghad fadallu ¾ indivizi.

Mit-¾ indivizi ta' Salvu Spiteri, Vincenza Spiteri wirtet sehem 1/9 indiviza flimkien mat-tfal ta' l-ewwel u t-tieni zwieg.

[35] Mill-Perit Alan Saliba a fol 199 tal-process
[36] Mill-Perit Alan Saliba a fol 200 tal-process
[37] Noti 650/1945 u 4100/1945

**Il-fond numru 184** gie stmat fir-rapport tekniku[38] ghall-valur ta' €83,857. il-valur ta' ¾ indivizi huwa ta' **€62,892.75.**

Hemm qbil ukoll li dan il-post mhux komodament divizibbli.

**Il-fond numru 185** gie stmat fir-rapport tekniku[39] ghall-valur ta' €9,000. Il-valur ta' ¾ indivizi huwa ta' €6,750.

Hemm qbil ukoll li dawn il-postijiet mhux komodament divizibbli.

In vista tan-nota ta' Salvina Xuereb f'isimha u f'isem hutha tat-12 ta' Frar 2014 dawn il-fondi se jinbieghu fit-totalita' taghhom allavolja parti ndiviza minnhom tappartjeni lill-eredita' ta' ommhom Vincenza Spiteri li ma tiffurmax parti mil-mertu ta' dawn il-proceduri u qeghdin jikkuntentaw li sehemhom mill-wirt ta' Vincenza Spiteri jehduh fi flus mir-rikavat tal-prezz tal-intier.

Ghaldaqstant il-qorti tordna l-bejgh in licitazzjoni taz-zewg fondi fl-intier taghhom u r-rikavat jinqasam skont l-ishma rispettivi indikati b'dan illi wara li l-eredi ta' Vncenza Spiteri jiehdu sehemhom mir-rikavat, il-kumplament ghandu jinqasam bejn 7 cippijiet.

(viii) **Kwart Indiviz (1/4) tal-Post 140 u 141, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem**

Fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2011 il-partijiet prezenti qablu li l-valur ta' dan il-fond fit-totalita' tieghu huwa ta' mitejn elf euro (€200,000). Ghalhekk bhala valur sehem Salvatore Spiteri huwa ta' €50,000.

Mill-atti jirrizulta li Salvatore Spiteri xtara nofs indiviz permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Dicembru 1951 fl-atti tan-Nutar Antonio Galea[40]. Dan l-akkwist sar matul it-tieni zwieg tieghu. Ghalhekk Salvatore Spiteri kellu kwart indiviz (1/4). Il-kwart indiviz l-iehor jappartjeni lil Vincenza Spiteri ossija lill-eredi taghha.

Ghaldaqstant bhala kwoti, l-eredi ta' Salvatore Spiteri ghandhom 1/9 kull cippa fis-sens li l-eredi ta' kull wild li kienu mizzewgin liema 1/9 irid

---

[38] Mill-Perit Alan Saliba a fol 203 tal-process
[39] Mill-Perit Alan Saliba a fol 203 tal-process
[40] Nota 723/1951

jinqasam bejniethom skont il-kwoti spettanti lilhom u l-eredi ta' Vincenza Spiteri kif ukoll Michelino Spiteri li ghandu 1/9 wahdu.

Hemm qbil ukoll li dan il-post mhux komodament divizibbli. Ghaldaqstant dan is-sehem ghandu jinbiegh b'licitazzjoni b'dan illi r-rikavat irid jinqasam bejn 8 cippijiet.

(ix) **Cnus u Kirjiet**

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Dr Carmelo Galea[41] li wara li bdew il-proceduri odjerni huwa kien ghamel zmien jaccetta qbiela ghan-nom ta' l-eredi ta' Salvatore Spiteri u kien ghamel xi pagamenti ta' cens ghan-nom ta' l-istess eredi. Huwa kien gie nkarigat mill-atturi f'din il-kawza. Xehed ukoll li Salvatore Spiteri kien ha territorju b'cens gewwa x-Xewkija imbaghad kien ta b'subenfitewsi partijiet minnu. Huwa ddikjara li qatt ma zbanka flus pero' kkonferma li l-klijenti tieghu kienu jircievu cedoli ta' fidi ta' cens u kienu ghadduhomlu u kienu huma li zbankaw.

Mir-rendikont aggornat ta'cnus u kirjiet relatati mal-assi ereditarji inkwistjoni[42] gie dikjarat minn Dr Galea li kemm ilu jamministra l-flus tal-eredita' huwa dahhal l-ammont ta' €7028.15 u hallas €6,020.32. Huwa ddikjara li wara li jhallas ic-cens pagabbli lin-Nutar Pellegrini fl-ammont ta' €104.82 l-ammont li se jifdallu f'idejh se jkun ta' €1007.83.

Dr Galea talab li jigi awtorizzat li bhala rikumpens ghax-xoghol tieghu u tal-ufficcju tieghu jigi awtorizzat jippreleva 3% tad-dhul u hrug ammontanti ghal €391.45 mill-bilanc nett rimanenti f'idejh.

Billi l-qorti tqis li dan l-ammont huwa wiehed ragjonevoli tilqa' t-talba u tawtorizza lil Dr Galea jzomm f'idejh l-ammont ta' €391.45. Il-bilanc rimamenti ghandu jitqassam lill-eredi skont l-ishma rispettivi taghhom.

**Eskluzi mid-divizjoni**

[41] Seduta tal-15 ta' Frar 2008
[42] A fol 667 et seq tal-process

Illi l-Perit Emanuel Vella ta stima wkoll tal-fond nru 34, Triq Imgarr Xewkija izda jirrizulta li dan il-post huwa dak li bena Salvu Spiteri lis-Sorijiet Dumnikani biex jigi wzat bhala skola. Ghalhekk dan il-post prezentement jinsab okkupat mill-entitajiet ekklezjastici u kwindi tapplika l-kundizzjoni li giet imposta minn Salvu Spiteru fil-kuntratt tat-3 ta' Mejju 1949 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo fis-sens li Salvu Spiteri jassenja u jibni a spejjez tieghu skola lis-Sorijiet Dumnikani u ghalhekk dan il-bini mhux parti minn din id-divizjoni.

Illi waqt dawn il-proceduri tissemma' wkoll bicca raba' tal-kejl ta' circa 228m.k. konfinanti mit-tramuntana ma' triq Imgarr, lvant mad-dar numri 140,141, Triq Imgarr, u punent ma' Triq tar-Raba' – Dok EV4[43].

Il-Periti Teknici[44] stmawha fil-valur ta' €97, 833.68[45].

Illi dwar din il-proprjeta', din il-Qorti ma tqisx li ngabu provi bizzejjed biex jista' jinghad li din ir-raba' tifforma parti mill-assi ereditarji ta' Salvatore Spiteri u ghalhekk ghandha tigi eskluza. L-atturi rapprezentati minn Dr Carmelo Galea sostnew li dan ir-raba' inbiegh[46]. Min-naha tal-patrocinati ta' Dr Anna Mallia saret referena ghad-denunzja fejn kien hemm raba' li gie dikjarat li kienet tappartjeni lil Salvu Spiteri inkwantu ghal ¼ indiviz izda ghalkemm il-konfini jikkombacjaw il-kejl huwa totalment differenti[47]. Min-naha tal-patrocinati ta' Dr Monica Vella fin-nota taghhom gie dikjarat li din l-art tappartjeni kollha lill-assi ta' Salvatore Spiteri izda xorta ma saritx referenza ghall-kuntratt ad hoc[48] . Il-patrocinati ta' Dr Mario Scerri kkummentaw biss li jekk hemm qbil ma' kulhadd li din l-art inbieghet allura m'ghandhiex tifforma parti mid-divizjoni.

**<u>Legat a favur ta' Michelino Spiteri akkont ta' sehmu</u>**

Illi kif inghad aktar' il fuq dan Michelino Spiteri thalla legat akkont ta' sehmu tal-proprjeta' aktar 'il fuq imsemmija liema proprjeta giet stmata bil-pussess vakant fil-valur ta' Lm52,000 ekwivalenti ghal **<u>€121, 127. 417.</u>**

[43] A fol 118 tal-process
[44] A fol 109 tal-process
[45] Ekwivalenti ghal Lm42,000
[46] Ara nota a fol 374 tal-process
[47] Ara nota a fol 422 tal-process
[48] Ara nota a fol 447 tal-process

Sommati flimkien l-assi ta' Salvatore Spiteri jammontaw ghal €823,666. Bejn 9 kull wiehed mill-werrieta ghandu jiehu €91,518. Il-fond legat lil Michelino Spiteri gie stmat fl-ammont ta' €121,127. Kwindi dan il-legat jaqbez is-somma bi €29,609. Huwa ghalhekk ukoll li Michelino Spiteri nonostante li huwa eredi mhux se jkun qieghed jaqsam fizikament il-proprjetajiet l-ohra flimkien ma' l-eredi l-ohra in vista li l-legat thalla akkont ta' sehmu.

Maqsuma f'9 din id-diskrepanza tammonta ghal €3,290. Ghalhekk l-imsemmi legatarju ghandu jhallas ekwiparazzjoni lil kull wiehed mit-8 werrieta (cippijiet) rimanenti fl-ammont ta' €3,290.

**<u>Spejjez a favur ta' Carmel Cauchi</u>**

Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2009[49], Carmel Cauchi xehed li bena cint bhala hajt divizorju bejn ir-raba' li ghandhom f'Ghajnsielem mit-triq principali. Huwa qabbad bennej. Fuq in-naha l-ohra mat-triq sar xoghol iehor u qabbad bennej iehor u gholla l-hajt tas-sejjiegh. Huwa ghamel dawn ix-xogholijiet ghaliex ircieva avviz mill-MEPA biex igholli l-hitan. Huwa hadem ukoll bieb tal-hadid. Mill-ircevuti ezebiti jirrizulta li b'kollox nefaq l-ammont ta' €823.91 + €160 ossija €983.91. Bejn 9 jigi li kull werriet ghandu jhallas l-ammont ta' €109.32. Ghalhekk mir-rikavat tal-licitazzjoni Carmel Cauchi ghandu jithallas l-ammont ta' €874.59 u dan b'sens ta' gustizzja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

1. tillikwida l-beni gja formanti l-assi ereditarji tal-mejjet Salvu Spiteri billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li huma elenkati minn (i) sa (ix) taht is-subtitolu 'Assi ta' Salvatore Spiteri';
2. tiddividi l-assi numri (i) sa (v) bil-mod kif indikat f'din l-istess sentenza u dan billi tinnomina lill-Perit Emanuel Vella li ghandu jiehu konjizzjoni ta' l-istess sentenza u jaqsam il-proprjetajiet skont kif indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

[49] A fol 305 tal-process

3. tahtar lin-Nutar Dr Paul George Pisani u tiffissa il-jum tal-Gimgha 4 ta' Lulju 2014 f'12.00p.m. fil-bini tal-Qorti, Ghawdex ghall-pubblikazzjoni tal-opportun att u tinnomina lil Dr Simone Grech sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

4. Tordna li ghal kull buon fini ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legat ghaf-favur ta' Michelino Spiteri.

5. Tordna wkoll li l-istess Michelino Spiteri ghandu jhallas in via ta' ekwiparazzjoni l-ammont ta' €3,290 lil kull wiehed mit-8 werrieta (cippijiet) rimanenti.

6. Tordna l-licitazzjoni tal-beni enumerati (vi), (vii) u (viii) taht is-subtitolu 'Assi ta' Salvatore Spiteri' sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad. Ai fini ta' valutazzjoni tal-immobbli dawn ghandhom jibdew bil-prezz skont l-istima tal-Periti Teknici li jirrizultaw mir-rapport taghhom u f'din is-sentenza;

7. Tordna li mir-rikavat tal-immobbli Carmel Cauchi ghandu qabel xejn jithallas l-ammont ta' €874.59

L-ispejjez inkluz dawk tal-bejgh b'licitazzjoni, in-nomina tal-Perit u l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ghandhom jinqasmu skont is-sehem tal-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------